**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 6**

L-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Andrew Agius u l-Onor. John Baptist Camilleri kienu skużati.

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Andy Ellul kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 5 li saret fit-30 ta' Ġunju 2026 kienu kkonfermati.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Beppe Fenech Adami ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għal diskrepanza bejn dak li hemm miktub fi stqarrija PR261086 maħruġa mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà dwar qbid ta' droga, u diskors li kien intqal mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, fil-ħin tal-Mistoqsijiet tas-seduta tat-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2026, b'referenza għall-istess stqarrija.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.33 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 7 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 142 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Aġenzija Sapport għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 143 Estimi Finanzjarji tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta għas-sena 2026; u

f'isem il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 144 Estimi Finanzjarji tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2026.

**MOZZJONIJIET**

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 - MOZZJONI 15**

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, Kap. 646.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Rebekah Borg.

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f'seduta li tiġi maqbula skont kif miftiehem fil-laqgħa tat-22 ta' Ġunju 2026 tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 - MOZZJONI 22**

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Stanley Zammit.

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f'seduta li tiġi maqbula skont kif miftiehem fil-laqgħa tat-22 ta' Ġunju 2026 tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Fis-6.48 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-6.49 p.m. il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani

Estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena 2026

Estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026 | Votazzjoni |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Stanley Zammit u mill-Onor. Frank Anthony Tabone.

Fis-7.13 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**